MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Numru 463/2006

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Jody Pisani, iben Alexander,
imwieled Pieta' fis-6 ta'
april, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat u persuna oħra –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-11 ta' frar, 2006, u fil-ġranet ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe' Bank Visa Credit Card tal-Bank of Valletta maħruġa f'isem Anastasia Lesnikova;

2. talli f'dawn il-Gżejjer, fis-7 u fit-8 ta' frar, 2006, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jjiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqaeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' elf erba' mija u tlett liri maltin (Lm1,403) għad-dannu ta' Anastasia Lesnikova;
3. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
4. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;
5. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;
6. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-8 u fil-11 ta' frar, 2006, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, bil-ħsieb li jagħmel qliegħ b'qerq ta' elfejn u tnejn u sebgħin lira maltin (Lm2,072) għad-dannu ta' Anastasia Lesnikova, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat li jħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' ġunju, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lil Anastasia Lesnikova li nfurmat il-Qorti li l-imputat u persuna oħra rrifondewlha l-flus kollha li sabet nieqsa.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 18, 41(1)(a), 334(a), 308, 309, 310(1)(a), 183, 184 u 189 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat, il-koperazzjoni mal-pulizija,
l-ammissjoni bikrija u l-fatt li rrofonda l-flus li ħa. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------